**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 29 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Revoka Nru: 116/2017 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 146/17

**Mr. Messaging Limited (C-64127)**

**vs**

**Nemea Bank plc (C-45026)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Nemea Bank p.l.c. li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, din il-Qorti ntalbet tirrevoka l-mandat ta' sekwestru 146/17.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Mr. Messaging Limited li permezz taghha, ghar-ragunijiet fiha mfissra, din sostniet li t-talba ghandha tigi michuda.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 836(5) tal-Kap. 12 jipprovdi illi, wara li jkun gie revokat mandat kawtelatorju:

> *"Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a) ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak l-att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors."*

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-mandat ta' sekwestru in ezami gie ntavolat ezattament wara li gie revokat mandat ta' sekwestru kawtelatorju precedenti li kien gie ottenut abbazi tal-istess kawzali. Ma ngabet lil din il-Qorti ebda raguni valida li twassalha tawtorizza z-zamma fis-sehh tal-mandat ta' sekwestru l-gdid. L-Art. 836(5) jipprekludi appell minn decizjoni li thassar mandat kawtelatorju u huwa effettivament dak li qeghda tittenta taghmel is-socjetà rikorrenti odjerna. Din il-Qorti diversament presjeduta qieset ampjament ic-cirkostanzi tal-mandat u, galadarba ma ntwera xejn gdid, din il-Qorti ma tistax ma tasalx ghall-istess konkluzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi thassar il-mandat ta' sekwestru 146/17 fl-ismijiet Mr. Messaging Limited vs Nemea Bank plc.

L-ispejjez jithallsu minn Mr. Messaging Limited.

IMHALLEF